**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU TLIETA U ĦAMSIN** **18 ta' OTTUBRU, 2023**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, l-kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato (on line), s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier Dr Tiffany Ann Attard
Il-Kunsillier Kyle Mifsud

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia talab minuta silenzju minħabba l-gwerra li qed issir bħalissa u fuq dak li qed naraw fuq il-media soċjali.

| | | |
|---|---|---|
| **53.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 53.1.1 | | Il-Kunsilliera Dr Tiffany Ann Attard u Kyle Mifsud infurmaw li ma setgħux jattendu minħabba raġuni ta' xogħol. L-ittri tal-appoloġija annessa **dok 1**. |
| | | |
| **53.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 53.2.3 | | Fuq punt 52.4.5 il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa fuq is-CCTV ta' Misraħ Repubblika. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-iskop tal-camera kien li jissorvelja il-Misraħ u mhux minn jitla wrong way minn Triq San Mikiel u għalhekk jeħtieġ li terġa tinkiteb email lis-Sur Tonna biex il-Kunsill jirringrazzjah tas-servizz imma l-Kunsill irid riżultat tal-iskop tal-camera. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 53.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tat-tnejn u ħamsin -il seduta. |
| | | |
| ***53.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 53.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li saru diversi attivitajiet dan ix-xahar:<br>• L-orkestra Żurrieq kellha attivita sabiħa ħafna fil-Manuel Theater.<br>• Attivita tal-qtugħ taż-Żebbuġ fejn inġabru 73 kilo u ħarġu 20 litru żejt. Dan kollu sar bl-għajnuna ta' Youth Fusion. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lill-Youth Fusion tal-għajnuna li qed jgħatu.<br>• Attivita' tad-dberik tal-annimali f'Bubaqra li kienet suċċess ukoll. Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li jeħtieġ li din l-attivita' darb oħra tkun organizzata aħjar.<br>• Attivita' tal-karozzi fi Vjal il-Blue Grotto kienet suċċess ukoll. – Il-Viċi Sindku qal li kien hawn kaos kbir, madwar iċ-ċentru tar-raħal, minħabba parking. Jeħtieġ li ssir f'post ieħor u li ma jsirux żewġ attivitajiet f'jum ieħor. Is-Sindku qalet li l-attivitajiet ma kienux fl-istess ħin għalhekk ma telfux lil xulxin.<br>• Ser issir attivita' tal-Milied fin-Nigret, bħal ma saret is-sena l-ohra. |
| | | |
| 53.3.2 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li l-Onorevoli Ministru Zrinzo Azzopardi ser jagħmel wirja fil-31 ta' Ottubru fil-Mitħna tax-Xarolla u intalab biex iħallas tal-attivita, bħal ma jħallsu oħrajn li jużaw il-mitħna. |
| | | |
| 53.3.3 | | Is-Sindku qalet li tal-Youth Fusion talbu li jagħmlu attivita madwar il-Mitħna. Kien hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil li lill-Youth Fusion ma jħallsux tal-attivita. |
| | | |
| 53.3.4 | | Is-Sindku qalet li l-PW talbu laqgħa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biex jiġi iffirmat MOU fuq il-manutenzjoni tal-Mitħna tax-Xarolla. Dan l-MOU qed jiġi imħejji biex jitressaq għall-approvazzjoni. |
| | | |
| | | |
| ***53.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 53.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li ser jorganizza l-attivita fil-Mitħna tax-Xarolla 27, 28 u 29 ta' Ottubru. Hu qal li hemm bżonn ta' tindifa kbira fil-Mitħna, għax tinsab maħmuġa ħafna. Il-ħġieġ u l-għamara fihom ħafna ħmieġ u fir-reception hemm display veru maħmuġa.<br>Fejn hemm il-kappella ser iġib 6 stands biex jarmaw tal-artiġjanat. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 53.4.2 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal:<br>• li jeħtieġ li jinqalgħu l-ewwel żewġ bollards fi Vjal il-Blue Grotto ħalli l-vetturi jkunu jistgħu jduru aħjar. Is-Sindku qalet li diġa kienet tat l-ordni lill-kuntrattur biex jagħmel dan.<br>• Rappreżentant tal-Grow 10 trees, jixtiequ li jerġgħu jħawlu pjanti fiż-Żurrieq. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Biex isir xi ħaġa biex tissolva l-problema tat-tliet id-djar ta' Vjal l-Indipendenza. Is-Sindku qalet li hi għadha qed tinsisti fuq il-każ, anke mal-Ministri u Infrastructure Malta. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li issa ż-żmien biex is-Sindku terġa titkellem għax waslet l-elezzjoni u din kienet wedgħa elettorali.<br>• Biex Triq iċ-Ċombini issir no entry for heavy vehicles fil-parti fejn hemm ħanut tal-merċa. Kien hemm qbil li l-ewwel jitkellem ma' tal-ħanut tal-merċa biex jiġi infurmat x'tip ta' vetturi jwasslulu x-xogħol. |
| | | |
| 53.4.3 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li:<br>• irringrazzjat lill-ħaddiema tal-Kunsill għat-tindif li sar fuq il-valenu tal-ġrieden li intefa fi Triq GM Callus.<br>• Kantanti żrieraq stabbiliti, għandhom jiġu kkuntatjati meta tkun ser issir attivita ta' Orkestra Żurrieq. Suppost nagħtu preċedenza liż-Żrieraq. Is-Sindku ukoll iddispjaċiha li ma kienx hemm żrieraq ħlief wieħed. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu kien ikkuntatja lil żewġ kantanti żrieraq u dawn ma tawhx risposta u ma ġewx. Il-policy tal-orkestra kienet li jkollha 5 persuna tajbin li lesti li jkantaw anke meta mhux b'safar jew f'postijiet magħrufa. Hu żied jgħid, li kieku meta ġew mistiedna ġew, kien jerġa jitlobhom biex jipparteċipaw.<br>• Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li ġaladarba l-Orkestra hi taż-Żurrieq u fiż-Żurrieq għandna kantanti żrieraq il-preċedenza għandha tingħata lilhom.<br>• Il-Kunsillier Dino Bonnici qabel mal-Kunsillier Marisa D'Amato għax fl-aħħar mill-aħħar il-Kunsill qed jgħati l-appoġġ sħieħ tiegħu għall-orkestra. Kien hemm qbil fuq dan. Il-Kunsillier Joseph D'Amato talab l-ismijiet tal-kantanti li ilmentaw. |
| | | |
| 53.4.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• qed ikun hawn riħa ta' plastik jinħaraq. Is-Sindku tkellmet mal-konsulent għall-ambjent mir-Reġjun u talab li l-ilmenti jgħaddu lill-ERA.<br>• Intalbet sleeping policeman fejn il-ħanut Convenience fi Triq l-Imqabba. Ma kienx hemm qbil.<br>• Bus stop fi Triq Wied Babu jeħtieġ bank. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk isir bank jintilef l-aċċess tal-bankina. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Biex issir pedestrian crossing fi Triq Filippu Farrugia k/m Triq is-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħadd mir-residenti ma jridha quddiemu.<br>• Residenti minn Triq Salvu Saliba iridu li jiġu inklużi fil-google maps.<br>• Triq Dun Nard Mallia hemm bżonn kaxxa ta' mutur<br>• Wesgħa Joseph M Cassar jeħtieġ li jsiru kaxxi ta' muturi biex ma jintilifx parkeġġ<br>• Trejqa bejn Triq Matteolo Saliba u Vjal l-Indipendenza hemm bżonn li tiġi mnaddfa. |
| | | |
| 53.4.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li :<br>• hemm bżonn li jerġgħu jitħawlu siġar taż-żebbuġ minflok dawk li mietu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Project Green ser iħawlu xi siġar minflokhom. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Hemm tabella fi Triq San Martin k/m Vjal l-Indipendenza li turi direzzjonijiet iċċarat. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet ordnata.<br>• Il-bollard ta' fejn il-kappella ta' Sant Agatha għadha ma twaħħlitx.<br>• Irringrazzja lil kull min ta sehemu biex setgħet issir l-attivita ta' Orkestra Żurrieq.<br>• Kien hemm qbil li l-istess kunċert jerġa jsir din id-darba fiż-Żurrieq, jew quddiem il-knisja fuq iz-zuntier jew fis-sala tal-iskola ta' Ħal Kirkop. Is-Sindku ser titlob lill-Arċipiet biex issir fuq iz-zuntier tal-knisja.<br>• Is-Surmast għandu pjan biex japplika għal fondi tal-APS Bank biex jġib fondi għall-Orkestra u jsir kunċert Apokalissi. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hemm bżonn li min jattendi għal dawn l-attivitajiet biex il-fondi jiġu mil-qliegħ tal-biljetti. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li fuq il-biljetti bħal dawn jeħtieġ li jsir dress code fuq l-invit. |
| | | |
| 53.4.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li :<br>• kien hemm van fejn tal-pastizzi fi Triq il-Kbira fuq il-bankina u kellmu biex ma jibqas jipparkja fuq il-bankina. Dan qallu li biex iħott ma kellux għażla oħra, għax jekk ma jipparkjax fuq il-bankina, jkun qed jostakola t-triq u jaqla taħrika. Kien hemm qbil li l-Kunsill jingħata n-numri tal-vetturi li jħottu x-xogħol biex jiġu eżentati mit-taħrikiet.<br>• Reġgħa talab biex isir bust tat-Tabiba Marija Schiberras u jekk il-Kunsill jaqbel, id-dipartient Foundation for social Welfare services (Agenzija Sedqa) lesti li jgħatu l-għajnuna tagħhom. |
| | | |
| 53.4.7 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud ressq din it-talba mas-Segretarju Eżekuttiv. Hu xtaqt li l-attivita tal-Milied jinbidlilha l-ħin għal 9:00am sat- 20:00. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***53.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 53.5.1 | | Tressaq ir-rapport ta' kull kwart – Quarter 3 financial report. Dan ġie approvat biex jintbagħat. |
| | | |
| ***53.6*** | | ***Konsulenza għall-Kunsill fir-rigward tal-permessi Planning Authority*** |
| | | |
| 53.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li inġieb avviż fuq il-paġna ta' fb tal-Kunsill Lokali fejn kien hemm Espressjoni ta' Interess għall-konsulent.<br><br>Għal dan l-avviż il-Kunsill kellu applikazzjoni waħda biss tal-persuna li tressqet fl-aħħar seduta. Din l-applikazzjoni ser tingħadda lill-konsulent preċedenti biex jagħmel l-interview. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***53.7*** | | ***Proġett ta' Misraħ Repubbblika*** |
| | | |
| 53.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-perit ġie mitkellem mis-Sindku biex il-cables kollha jingħaddu minn taħt l-art u jsir bdil tal-pavimentar u tal-wiċċ tal-pjazza biss, mingħajr funtana (minħabba li minn Kunsilli oħra li għandhom l-istess tip ta' funtana, ġejna mgħarfa li l-manutenzjoni tinvolvi eluf ta' euro u għalhekk ħafna minnhom ma jaħdmux).<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ma jistax jifhem kif il-pjazza ġejja aktar għolja mit-toroq tal-madwar. Din ser toħloq problema. Kien hemm qbil l-pjazza issir il-livell li hi eżistenti bħalissa u mhux tgħola aktar milli hi eżistenti. Dan għandu jiġi kkomunikat mal-perit u jiġi mistoqsi x'materjal ser jintuża.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill għandu joħroġ sejħa liż-Żrieraq biex xi persuna interessata, tagħmel disinn tal-art tal-misraħ u l-Perit tal-Kunsill jimxi fuqhu.<br><br>Kien hemm qbil li jerġgħu jintbgħatu l-pjanti li kien ħejja l-perit. Jekk ma jintgħogobx id-disinn li tagħna l-perit, il-Kunsill għandu javżah li l-Kunsill ser joħroġ sejħa pubblika biex jingħata disinn lill-Kunsill, il-Kunsill jagħżel disinn minn dawk sottomessi u l-perit jimxi mad-deċiżjoni tal-Kunsill.<br><br>F'Dan il-ħin ħarġu mis-seduta l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Joseph D'Amato (20:17) |
| | | |
| **53.9** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***53.9*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 53.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Infurmat li fit-12 ta' Novembru ser issir in-nofs maratona, il-ġirja ta' 10k li ser jużaw l-istess rotta, biex ma jkunx hemm spejjeż ta' uffiċċjali għas-sigurta. Il-Kunsill Lokali ser jimxi bħal ma mexa fi snin preċedenti fir-rigward ta' għajnuna.<br>• Biex issir sleeping policeman fi Triq Il-Madonna tal-Ħniena. Ma kinex hemm qbil għax m'hemmx firem tar-residenti li jaċċettawha quddiemhom.<br>• Biex issir sleeping policeman fi Triq il-Pluvieri viċin Wied Fulija. Il-Kunsill għandu l-firem għalhekk kien hemm qbil.<br>• Biex issir sleeping policeman bejn Triq San Gorg Preca u Triq Fra Gammari Zammit biex tilqa l-ilma tax-xita. Ma kienx hemm firem ta' resident li japprovawha quddiem ir-residenza tagħhom għalhekk ma kienx hemm qbil li issir.<br>• Ikla tal-Milied – staqsiet fejn jippreferu. Bil-prezz ta' 30e kull persuna diffiċli issib fejn tiekol u tixrob. L-uniku postijiet fejn joffru dan is-servizz b'dan il-prezz huma San Antonio Hotel, Paradise Bay Hotel u IK Collection f'Paceville. Staqsiet lill-Kunsilliera, jekk jafux b'xi post ieħor. Kien hemm qbil li l-ikla terġa issir Don Berto fil-Birgu jekk ikun lest li joffri ikel u xorb bil-prezz ta' 30e kull persuna. Kien hemm qbil li l-ikla issir wara s-seduta tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***53.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 53.10.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jitressqu. |
| | | |
| ***53.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 53.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala Dok 2 għall-ammont totali ta' €85,322.23<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici irrefera għall-kont tal-Perit William Lewis fir-rigward tal-proġett ta' Misraħ il-Karmelitani. Hu qal li dan il-prezz hu esaġerat.<br><br>Kien hemm qbil li jitħaffef il-proċess biex il-kontijiet tal-Arms tal-Berġa tas-saħħa jinqalbu fuq id-Dipartiment tas-Saħħa u ma jibqgħux fuq il-Kunsill.<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u mill-Kunsilliera Kaydem Schembri u Kenneth Farrugia. |
| | | |
| ***53.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 53.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:35. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 8 ta Novembru, 2023, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 8 ta' NOVEMBRU, 2023.

IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**